

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.5619 – Bidvest/Nowaco Group)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**  
**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**  
(2009/C 209/07)

1. Fit-28 ta' Awwissu 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li biha l-impriża Bidvest Group Limited ("Bidvest", l-Afrika t'Isfel) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill kontroll ta' Nowaco Czech Republic s.r.o. u Farutex Sp.zo.o (flimkien, "Nowaco Group", Ir-Repubblika Ċeka/il-Polonja) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Bidvest: servizzi internazzjonali, kummerċ u distribuzzjoni, u distribuzzjoni bl-ingrossa ta' prodotti ta' servizzi tal-ikel,

— Għal Nowaco Group: distribuzzjoni ta' prodotti ta' servizzi tal-ikel bl-ingrossa u bl-imnut indipendenti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5619 – Bidvest/Nowaco Group, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.